



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Marzu 2021  
(OR. en)

6320/21

LIMITE

CORLX 87  
CFSP/PESC 148  
MAMA 29  
FIN 126

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tħassar id-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/...**

**ta' ...**

**li tħassar id-Deċiżjoni 2011/172/PESK  
dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni,  
entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u  
l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK<sup>(1)</sup> dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu.
- (2) Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK tipprevedi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Eġizzjan, u ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.
- (3) Wara rieżami tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK imwettqa skont l-Artikolu 5 tagħha, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi fis-seħħ jitneħħew.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/172/PESK titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63).

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---